QALA

Ref Nru: 28

Il-minuti tat-tmienja u ghoxrin laqgha tal-hames leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet mas-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Dr Chris Said, nhar il-Hamis 23 ta' Lulju 2009, fl-10:00 ta' fil-ghodu, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

Kunsill Lokali Qala

| | |
|---|---|
| Sindku: | Paul Buttigieg |
| Vici Sindku | Dr Raymond Xerri |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |
| Skuzat: | |
| Kunsillier | Anthony Camilleri |

Segretarjat Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni

| | |
|---|---|
| Segretarju Parlamentari | L-Onorevoli Dr Chris Said |
| Segretarju Privat | Mark Mizzi |

**1 L-implimentazzjoni tat-tigdid tal-Kunsilli Lokali.**

1.1 Giet diskussa l-implimentazzjoni tat-tigdid tal-Kunsilli Lokali. S-Sindku Paul Buttigieg semma li hafna drabi l-Kunsill ma jircieviex risposta ghall-ittri li jigu mibghuta mill-Kunsill stess lil certu Dipartimenti tal-Gvern.

**2 Kif qed jithaddmu l-iskemi ta' fondi specjali.**

2.1 Gie diskuss li l-Kunsill applika taht l-iskema ta' l-*Energy Saving* ghal PV System fi Gnien il-Familja kif ukoll applika ghall-iskema dwar attivitajiet kulturali ghal *Qala International Folk Festival* 2009 u li dawn l-applikazzjonijiet gew accettati. L-Onorevoli Dr Chris Said semma li s-Segretarjat tieghu ser jidhlu f'*call* biex jirrangaw il-pjazzez f'Malta u Ghawdex. Huwa semma wkoll li ser ikun hemm applikazzjoni dwar il-folklor.

## 3 Inizjattivi u progetti mahsuba mill-Kunsill Lokali tieghek.

3.1 Gie diskuss il-progett ta' restawr ta' l-ghassa tal-pulizija l-qadima sabiex tigi konvertita f'Muzew Folkloristiku. Gie diskuss li l-Kunsill issottometta zewg applikazzjonijiet *European Agriculture Funds for Rural Development* bin-numru ta' l-applikazzjonijiet 313 u 323 sabiex jinghata fondi mill-Unjoni Ewropea ghal *heritage trail* fil-lokalita` tal-Qala li jinkludi l-progett tal-muzew folkloristiku. L-Onorevoli Dr Chris Said informa lil Kunsill li hemm ligi li meta Kunsill Lokali jew Dipartiment tal-Gvern jissottometti applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp u li jkunu ssottomettaw applikazzjoni ghal fondi mill-Unjoni Ewropea ghal dan l-izvilupp, l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ghandha tipprocessa l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp minghajr dewmien. L-Onorevoli Dr Chris Said talab lis-Segretarja Ezekuttiva sabiex tibghatlu n-numru ta' l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp ghal bdil ta' uzu tal-bini minn ghassa tal-pulizija ghal muzew folkloristiku.

3.2 Giet diskussa l-inizjattiva ta' l-gheluq ta' Pjazza San Guzepp mit-traffiku matul ix-xhur tas-sajf f' certu hinijiet. Il-Kunsill semma li ghadu minghajr risposta. L-Onorevoli Dr Chris Said cempel lil Perit David Vassallo fl-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta dak il-hin stess u qablu li ghandha jsir prova ta' din l-inizjattiva ghal dan is-sajf. Imbaghad fix-xitwa jaraw kif tkun marret din il-prova u jekk tkun intlaqghet tajjeb jista` jinhareg permess ghas-sajf li gej.

## 4 Materji ohra.

4.1 Giet diskussa l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali.

4.2 Giet diskussa t-talba li l-Kunsill ghamel lill-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta ghal *litter bins* ghall-bajja ta' Hondoq ir-Rummien, li ma gietx milquha. L-Onorevoli Dr Chris Said semma li huwa ser jaghmel kuntatt mas-Segretarju Parlamentari ghat-Turizmu l-Onorevoli Dr Mario de Marco sabiex Ghawdex jinghata xi tip ta' ghajnuna minn naha tas-Segretarjat tieghu.

4.3 L-Onorevoli Dr Chris Said semma li l-haddiema ta' l-IPS Ltd li nghataw lill-Kunsilli Lokali ricentament ser issiru f'*pool* wiehed u ser jibdew jintbghatu grupp grupp ghal certu zmien mal-Kunsilli Lokali.

4.4 Il-Kunsillier Paul Buttigieg ressaq il-punt dwar kif l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tindika meta tkun *registered objector* ghal xi applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp. L-Onorevoli Dr Chris Said semma li ser jittrangaw xi punti fir-riforma ta' l-Awtorita`.

4.5 Il-Kunsillier Victor Grech semma li meta zviluppatur jissottometti applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp u l-Kunsill Lokali jkun kontra l-izvilupp peress li jkun irid jipprotegi l-ambjent, il-Kunsill Lokali ghandu jinghata l-fondi sabiex iqabbad konsulenti/periti sabiex jaghmlu l-istudji mehtiega u mhux juza l-fondi mill-allokazzjoni finanzjarja tieghu. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li l-izviluppatur ghandu jaghti l-fondi mehtiega.

Il-laqgha ntemmet fil-11:30 ta' fil-ghodu. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar l-Erbgha 23 ta' Settembru 2009.

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |